**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 108/2024

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

Vs

**Zak Mintoff**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **<u>Zak Mintoff</u>,** imwieled fil-ħmistax (15) ta' Jannar 1990 ġewwa tal-Pieta, Malta u residenti "The Gardens", Flat 5, Triq Malta, Għajnsielem, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 66990(M) talli nhar l-għoxrin (20) ta' Dicembru 2023 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs) fid-dar residenzjali numru sittax (16), Triq ir-Rumani, Xlendi, Munxar:

(1) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ommu Miriam Cassar detentriċi tal-karta tal-identita numru 810860(M);[1]

(2) ħebb għal ommu Miriam Cassar detentriċi tal-karta tal-identita numru 810860(M) sabiex iddejjaqha jew jagħmlilha ħsara'[2]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, bl-skop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offizi u cioe ta' Miriam Cassar detentriċi tal-karta tal-identita numru 810860(M) jew għaż-żamma tal-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus, u dan ai termini tal-artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tittratta dan il-każ bħala wieħed ta' Vjolenza Domestika.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

---

[1] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9
[2] Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9

Rat li fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2024 l-akkużat mingħajr l-ebda ammissjoni ta' ħtija obbliga ruħu li bl-ebda mod u manjiera ma jimmolesta lil Miriam Cassar;

Rat li l-legali tal-parte civile iddikjara li l-patroċinata tiegħu kienet sodisfatta b'din id-dikjarazzjoni u li huwa kien awtorizzat sabiex għan-nom tal-parte civile huwa jirrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ kienu s-segwenti: nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru 2023, Miriam Cassar irrappurtat fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex li kien għad kemm kellha argument ma' binha Zak Mintoff fir-residenza tiegħu fix-Xlendi. Spjegat li għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs) kien inqala' dan l-argument u binha spiċċa jheddidha. F'ħin minnhom hija allegat li binha qabadha minn għonqha u heddidha li kien se joqtolha. Skont il-vittma, dan kollu inqala' għaliex hija kienet mardet u binha ħadha kontrieha. Sar kuntatt ma' Zak Mintoff sabiex huwa jattendi l-Għassa. Mintoff attenda u wara li ingħata d-drittijiet tiegħu, huwa talab li jkellem lill-Avukat tal-Għajnuna Legali. Wara li ikkonsulta mal-Avukat tal-Għajnuna Legali, Mintoff għażel li jibqa' sieket u ma jweġibx għad-domandi li sarulu.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tinnota li l-akkużi li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużat jirrikjedu l-kwerela tal-parte civile. L-ewwel akkuża hija l-kontravvenzjoni ravviżata fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 filwaqt li t-tieni akkuża hija dik ravviżata fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9. Is-sub-inċiż (2) tal-artikolu 339 tal-Kap. 9 jindika li fil-każijiet imsemmijin f'dawn iż-żewġ artikoli ma tittieħed ebda proċedura jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża. La darba l-istess parte civile tramite l-legali tagħha għażlet li tirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużat, dan wassal sabiex l-azzjoni kriminali tiġi estinta. Il-Qorti għalhekk hija prekluża milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti qiegħda tiddikjara l-proċediment **estint** fir-rigward tal-akkużi kollha miġjuba kontra l-akkużat stante li l-parte civile irrinunzjat għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-istess akkużat.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Joseph Grech
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur